MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 941/2005

**Awtorita` tat-Turizmu ta` Malta**

***kontra***

**John (I.D. No. 373360M) u Christine (I.D. No. 328863M) konjugi Montague**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ic-citazzjoni prezentata fis-6 ta` Ottubru 2005 li taqra hekk –

*Premess illi, bis-sahha ta` kuntratt ta` impjieg hawn anness u mmarkat Dok. MTA1, li huwa kuntratt li kien precedut b`ohrajn bejn il-partijiet ghal karigi differenti, il-konvenut John Montague kien impjegat mal-Awtorita` attrici bhala overseas director stazzjonat Londra, b`responsabilita` ghas-swieq tar-Renju Unit, dak Irlandiz, dak Skandinavu, u l-Fillandja ;*

*Premess illi permezz ta` ittra ufficjali datata 18 ta` Jannar 2005 (Dok. MTA2) l-Awtorita` attrici talbet lill-konvenuti jirrifonduha s-somma f`valuta Maltija ekwivalenti ghas-somma f`valuta sterlina Ingliza ta` hmistax-il elf tliet mija u hamsa u sittin (£Stg15,365), rapprezentanti kontijiet ta` telephone cellulari utilizzat mill-konvenuta Christine Montague, liema kontijiet thallsu mill-ufficju ta` Londra tal-Awtorita` tat-Turizmu ta` Malta, li ghalih kien responsabbli l-konvenut zewgha John Montague, li abuzivament u b`ezercizzju ultra vires l-poteri tieghu ta` kap tal-imsemmi ufficju, awtorizza l-hrug tal-istess telephone cellulari f`isem u a beneficcju ta` martu meta ma kienx intitolat ghall-istess beneficcju ;*

*Premess illi permezz ta` risposta pprezentata fit-22 ta` Marzu 2005, (Dok. MTA3) il-kuratur tal-konvenuti, dak iz-zmien assenti minn Malta, cahdu t-talba attrici billi allegaw illi l-hlas ghall-uzu tat-telephone cellulari msemmi kien mahsub fl-assjem tal-hlasijiet, vantaggi u beneficcji stipulati favur l-imsemmi John Montague fil-kuntratt(i) ta` impiegi tieghu ;*

*Premess illi llum ir-rapport ta` impieg ta` John Montague gie mahlul, izda l-Awtorita` attrici rriservat il-jedd illi tmexxi kontra l-konvenuti ghar-rifuzjoni tas-somma ndikata f`din ic-citazzjoni ;*

*Ighidu l-konvenuti l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :*

*1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-hlas ta` kontijiet ta` telephone cellulari utilizzat unikament mill-konvenuta Christine Montague u mhallas mill-Awtorita` attrici ;*

*2. Tikkundanna lill-konvenuti jirrifonduha s-somma f`valuta Maltija ekwivalenti ghas-somma f`valuta sterlina Ingliza ta` hmistax-il elf tliet mija u hamsa u sittin (£Stg15,365).*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta` Jannar 2005, u bl-imghaxijiet ukoll mit-18 ta` Jannar 2005, kontra l-konvenuti, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-Awtorita` attrici (<u>minn issa `l quddiem sejra tissejjah `MTA`</u>), il-lista tax-xhieda ndikati minnha u l-elenku ta` dokumenti esebiti mac-citazzjoni.

Rat in-nota ta` eccezzjonijiet tal-konvenuti prezentata fis-<u>26 ta` Jannar 2006</u> li taqra hekk –

*1) Illi l-konvenuti ma gewx regolarment notifikati. B`mod partikolari l-konvenut John Montague jghix barra minn Malta u kien assenti minn dawn il-Gzejjer anke meta giet intavolata din il-kawza.*

*2) Illi dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni tal-azzjoni istitwita mill-Awtorita` attrici.*

*3) Illi kull dritt ta` azzjoni tal-Awtorita` attrici talvolta ezistenti, fil-konfront tal-konvenut assenti John*

*Montague giet estinta bi transazzjoni konkluza bejn l-imsemmija Awtorita` u l-imsemmi John Montague fit-30 ta` Marzu 2005.*

*4) Illi fil-konfront tal-konvenuta Christine Montague l-azzjoni hija nsostenibbli billi dak miftiehem fil-kuntratt ta` impieg bejn l-Awtorita` u l-konvenut zewgha hija ghaliha res inter alios acta u l-konvenuta Christine Montague kienet intitolata taghmel l-uzu illi talvolta setghet ghamlet mit-telephone moghti lilha minn zewgha minghajr ma tinvestiga jew tissindika l-intitolament tieghu in konnessjoni mal-istess telephone.*

*5. Illi l-azzjoni tal-Awtorita` hija preskritta.*

*6. Illi l-uzu tat-telephone cellulari meritu tal-kawza kien dritt ossija ntitolament tal-konvenut John Montague illi kien inkluz fl-assjem ta` hlasijiet, beneficcji u vantaggi ohra tal-kariga gja okkupata mill-imsemmi John Montague, kif kienu goduti wkoll mill-predecessuri tieghu fl-istess kariga, inkluz Jeffrey Cutajar illi halef id-dikjarazzjoni attrici.*

*7. Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda indikati minnhom.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-1 ta` Marzu 2006 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn il-konvenuti rtiraw l-ewwel eccezzjoni taghhom, u fejn kienu awtorizzati jipprezentaw nota ta` eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta` eccezzjonijiet <u>ulterjuri</u> tal-konvenuti prezentata fid-<u>9 ta` Marzu 2006</u> li taqra hekk –

*1. Illi bla hsara ghall-eccezzjonijiet gja pprezentati u wara d-debita awtorizzazzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti fl-udjenza tal-1 ta` Marzu 2006, l-eccipjenti jeccepixxu ulterjorment illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-uzu tal-linja cellulari meritu tal-kawza kien isir apertament mill-eccipjenti. Di piu`, tali uzu kien jigi regolarment denunzjat fl-accounts mensili tal-ufficju preparati fuq l-ordni tal-konvenut John Montague u minnu trasmessi lil Head Office ta` Malta u tali accounts anzi l-amministrazzjoni shiha tal-ufficju gestit mill-istess konvenut kien is-suggett ta` Internal Audit maghmul fuq l-inkariku tal-Awtorita` attrici.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta` Marzu 2006 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn il-partijiet kienu diretti sabiex iressqu provi u jittrattaw l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-konvenuti (fol 36, 37, 41 sa 43).

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Adrian Paul Sciberras (fol 48) u d-dokumenti li kienu annessi mal-affidavit.

Semghet ix-xiehda ta` Jeffrey Cutajar fl-udjenza tat-18 ta` Gunju 2009 quddiem din il-Qorti kif presjeduta, u rat id-dokumenti li pprezenta x-xhud.

Semghet ix-xiehda ta` Michael Piscopo fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Leslie Vella fl-udjenza tal-20 ta` Ottubru 2009 u ta` Chris Grech f l-udjenza tad-19 ta` Jannar 2010.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Chris Grech fl-udjenza tas-27 ta` Mejju 2010 u rat id-dokument li kien prezentat fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Jeffrey Cutajar fl-udjenza tas-26 ta` Ottubru 2010 u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda tal-konvenuta fl-udjenza tal-24 ta` Jannar 2011.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-konvenut li kienet prezentata b`nota tal-20 ta` Mejju 2011.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` l-konvenuta fl-udjenza tat-2 ta` Gunju 2011 u l-kontroezami tal-konvenut fl-udjenza tas-17 ta` Ottubru 2011.

Rat in-nota ta` cessjoni tal-kawza li l-Awtorita` attrici pprezentat fl-udjenza tad-19 ta` Gunju 2012 limitatament fil-konfront tal-konvenut John Montague.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta` Settembru 2012 fejn id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi ma kien hemm xejn aktar x`isir fil-kawza hlief ghal trattazzjoni finali permezz ta` noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li saru bil-fomm mid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta` Frar 2013.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

**Ghalkemm l-MTA cediet il-kawza fil-konfront tal-konvenut John Montague u zammet firmi l-pretensjonijiet taghha fil-konfront tal-konvenuta martu Christine Montague, il-provi akkwiziti fil-kumpless taghhom jibqghu rilevanti fil-kuntest ta` l-istanza kif inhi llum. Din il-Qorti sejra ghalhekk taghmel riferenza ghal dawk mill-provi li, fil-fehma taghha, tqis saljenti.**

**<u>Adrian Paul Sciberras</u>** xehed illi huwa kien inhatar *Director – Corporate Services* tal-MTA fl-10 ta` Mejju 2006. Ix-xoghol kien jinkludi l-harsien ta` materji finanzjarji. Skond ir-records tal-MTA, il-konvenut kien impjegat ma` l-MTA bejn is-27 ta` Novmebru 1995 u l-31 ta` Jannar 2005. Matul dak il-perijodu kollu, il-bolla u t-taxxa kienu jitnaqqsu mis-salarju Malti tieghu u jithallsu lill-awtoritajiet Maltin responsabbli mill-gbir tat-taxxa.

**<u>Jeffrey Cutajar</u>** xehed li huwa kien id-Direttur Internazzjonali tal-*Marketing and Promotion* tal-MTA bejn l-1 ta` Awissu 2004 u l-ahhar ta` Novembru 2006. Ma

kienx ghadu impjegat tal-MTA. Fl-1992, kien direttur fl-Ingilterra.

Ighid illi kien deher quddiem il-Bord tal-MTA peress li kien ghaddej ezercizzju ta` *revision of costs* ghax kien notat li kien hemm xi ufficcji li kienu ghamlu spejjez li kienu aktar gholja milli kien ippjanat. In partikolari, instab li kien hemm irregolaritajiet fl-ufficcju ta` l-MTA ta` Londra fis-sens illi kienu ntefqu ammonti sostanzjali ta` flus f`telefonati kemm privati kif ukoll mill-ufficcju. Kien hemm telefon partikolari li kien qed jintuza b`mod frekwenti hafna. Il-Bord tal-MTA nkarika lilu u lill-Kap Ezekuttiv ta` dak iz-zmien tal-MTA, Emanuel sive` Leslie Vella biex imorru Londra u jaghmlu *hands on investigation on the spot.* Fil-fatt marru u hejjew rapport dettaljat hafna li kien jittratta wkoll dwar l-uzu tal-mobile telephony. Spikka hafna l-uzu ta` mobile partikolari li kien inhareg f`isem il-konvenuta. Sabu li kien hemm kont ta` STG 15,280 u sa dak iz-zmien kien jonqos ukoll seba` xhur ohra ta` telefonati li ghalihom ma kienx ghadu hareg il-kont. Il-konvenut kien infurmahom li dak il-mobile kien jintuza esklussivament minn martu u li kien ha decizjoni li martu jkollha mobile wara li certa Maryann Barthet Brown, li kienet tahdem mal-MTA Londra, kienet qalet illi min kien hemm qabel il-konvenut f`dak il-*posting* kellu mobile allokat ghall-mara tieghu.

Ix-xhud spjega illi qabel il-konvenut mar Londra, huwa kien jokkupa dik il-kariga. Cahad illi martu kellha mobile telephone allokat ghaliha. Go l-ufficcju kollu, kien hemm biss zewg mobile phones, wiehed specifikament ghalih u iehor li kien jintuza bhala *roaming* ghal waqt xoghol barra minn Londra. L-uniku okkazjoni fejn il-familja tieghu kienet tuza t-telefon kien meta huwa kien ikun imsiefer u ghalhekk, kienet izzomm il-kuntatt mieghu permezz tat-telefon. Meta kien fil-kariga go Londra, il-kontijiet ta` ghoxrin xahar kienu ta` STG 600, mentri fil-perijodu li kien Londra l-konvenut, il-kont tela` ghal STG 15,000.

L-MTA waqfet l-uzu tat-telephone. U anke ghal ragunijiet ohra il-konvenut tnehha mill-impieg. Il-konvenut ha l-kaz quddiem tribunal industrijali. Waqt il-procediment, kienet iffirmata skrittura ta` transazzjoni.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud ikkonferma li huwa iffirma l-ftehim mal-konvenut fuq direzzjoni tal-Bord tal-MTA. Il-konvenuta ma kenitx impjegata tal-MTA u l-MTA ma kellhiex relazzjoni maghha. Il-konvenuta ma ffirmatx il-ftehim ta` transazzjoni ghalkemm kienet prezenti. Skond il-ftehim, l-MTA zammet id-dritt li tfittex lill-konvenuta fil-qrati Maltin ghall-hlasijiet tal-mobile in kwistjoni pero` ma rriservatx dak id-dritt kontra l-konvenut.

Ix-xhud ikkonferma li huwa qatt ma kellu mobile ghall-uzu tal-mara tieghu meta kien *posted* Londra. It-tieni mobile telephone li semma kien ghal uzu ta` l-ufficju u ghall-uzu tal-mara tieghu meta hu kien ikun imsiefer fuq xoghol. Spjega li kien hemm zewg *mobile phones* registrati fuq id-dar tieghu peress li l-kontijiet kellhom jithallsu minn *direct debit* u per konsegwenza, il-kont kien jithallas direttament minnu u imbaghad jitlob rifuzjoni mill-MTA. Ikkontesta dak li jinghad li sostniet Maryann Barthet Brown illi l-mara tieghu kellha *mobile phone* li kien jithallas mill-MTA. Mistoqsi mill-Qorti ghala Christine Montague ma kenitx mitluba tiffirma l-ftehim ukoll ladarba saret rizerva ta` azzjoni fil-konfront taghha, ix-xhud ma gharafx iwiegeb. Kif lanqas ma gharaf jaghti r-raguni ghala ma saritx rizerva simili ta` azzjoni kontra John Montague wkoll.

**Michael Piscopo** xehed illi huwa direttur *in charge* ta` *visitmalta.com* li hija l-*website* promozzjonali tal-MTA. Kien ilu jahdem mal-MTA madwar 21 sena. Fl-2004, kien jahdem bhala direttur fl-ufficcju tac-CEO. Kien gie nkarigat mic-CEO u mic-Chairman sabiex jaghmel analizi tan-nefqa li mhijiex relatata direttament mal-promozzjoni, izda ma` l-*overheads* ta` l-ufficcji kollha li l-MTA kellha

barra minn Malta. Beda l-esercizzju f`Gunju 2004 u qaghad fuq ir-*records* tal-*finance office* ta` l-awtorita`. L-ezercizzju kien intiz sabiex jigi determinat fejn seta` jsir *cost cutting.* L-MTA riedet li minghajr ma tnaqqas il-*budget* totali, tnaqqas in-nefqa fuq l-affarijiet li huma *overheads.* Mill-ezercizzju, hargu xi anomaliji fis-sens li kien hemm fejn ufficcju kien jonfoq hafna f`telefonija waqr li ufficcju iehor kien jonfoq hafna fuq trasport. Il-kaz mertu ta` din il-kawza kien jikkoncerna kontijiet tat-telefon. L-analizi bdiet mis-sena 2003. In-nefqa kienet diga` gholja hafna meta komparata ma` ufficcji ohra. Kien mistenni li n-nefqa tkun ftit aktar gholja peress li l-ufficju ta` l-Ingilterra huwa wiehed mill-ikbar li kellha l-MTA. Meta dahal fid-dettalji, sab illi t-total ta` l-ispejjez kienu saru minn mobile phone. Irrizulta li kien hemm aktar minn mobile phone wiehed. Irrizulta li d-direttur u diversi membri ta` l-istaff kellhom it-telephone taghhom u barra minn hekk, kien hemm telephone allokat lil mart id-direttur, u cioe` il-konvenuta. Normalment il-kontijiet jithallsu direttament mill-kont bankarju li jkun hemm barra, u mbaghad kull xahar jintbaghtu r-returns, li jkunu gabra ta` dak li jkun thallas. Mill-ufficcju ta` Londra, talab informazzjoni aktar dettaljata li nghatatlu. Meta sab *pattern* ta` nefqa eccessiva, huwa mar l-ufficcju ta` Londra u minn hemm `il quddiem il-konvenut kellu struzzjonijiet biex jirreferi lilu kull decizjoni li tittratta nefqa. Meta mar Londra, huwa ma kienx iltaqa` mal-konvenut billi kien marid. It-*telephone costs* tal-konvenuta telghu hafna peress li din kellha *telephone* Ingliz li kienet qed tuza Malta u allura l-ispiza kienet oghla.

**<u>Leslie Vella</u>** xehed illi fl-2004 kien CEO tal-MTA. Kien mitlub mill-bord biex jaghmel ezercizzju ta` *cost cutting.* Tqabbad Michael Piscopo sabiex jaghmel analizi ta` l-*administrative costs* tal-ufficcji kollha tal-Awtorita` kollha. Dak iz-zmien il-konvenut kien direttur tal-ufficcju ta` l-MTA gewwa Londra. Saret analizi tal-ispiza totali fuq it-telefonija u mbaghad dahlu fl-ispiza tal-*fixed lines* u tal-*mobile calls.* Irrizulta li kien hemm linja tat-telefon mobile li l-konvenut kien ta lill-mara tieghu u l-kont taghha kien johrog fuq l-awtorita`. Fil-kuntratt li l-konvenut kellu mal-

MTA, kellu dritt ghall-mobile phone ghalih kif ukoll id-dritt ghall-hlas mill-MTA tat-telefonati tal-linja li kellu fid-dar tieghu go Londra. Meta sabu li l-ispiza tal-mobile phones kienet eccessiva, il-konvenut kien mitlub sabiex jissupplixxi l-kontijiet tat-telephone individwali. Minn dawn il-kontijiet, irrizulta li kien hemm numru fl-isem tal-konvenuta. Il-mobile phone in kwistjoni kellu numru Ingliz u l-konvenuta tul dak il-perijodu kienet residenti Malta. Ghalhekk il-kontijiet tellghu hafna. Insista illi l-konvenut ma kellu l-ebda *concession* li martu jkollha mobile phone. Skond il-kuntratt li kellu mal-MTA, il-konvenut kellu dritt jiehu l-familja tieghu l-Ingilterra u l-MTA kienet thallas ghall-edukazzjoni tat-tfal. Il-konvenut ma utilizzax dak il-beneficcju peress li t-tfal tieghu baqghu jghixu Malta. Il-konvenut talab lill-MTA biex thallas l-ispejjez ta` l-edukazzjoni tat-tfal tieghu go Malta u l-MTA laqghet it-talba tieghu. Pero` ma saret l-ebda talba lill-MTA biex telefon cellulari Ingliz jintuza Malta mill-konvenuta. Wara li saret l-investigazzjoni, il-bord inkarika lilu biex imur Londra biex ikellem direttament lill-konvenut. U hekk sar. Wara li hareg ir-rapport dwar il-kaz, il-konvenut irrizenja mill-kariga tieghu ghal habta ta` Novembru jew Dicembru 2004. Ittiehdu proceduri legali fl-Ingilterra li ntemmu bi transazzjoni. Fil-ftehim li sar bil-miktub, l-MTA zammet id-dritt li tipprocedi fil-qrati Maltija ghar-rimbors tal-ispejjez tal-mobile phone in kwistjoni – in partikolari d-dritt li tfittex lill-konvenuta ghal dawk l-ispejjez. Fil-kuntratt ma kienx inkiteb illi dak id-dritt kien rizervat ukoll fil-konfront tal-konvenut. Il-konjugi Montague kienu meqjusa bhala entita` wahda u ma saret l-ebda distinzjoni bejniethom. L-MTA ma kellha l-ebda konnessjoni ma` l-Awtorita` hlief li kienet l-mara ta` impjegat taghha.

**Chris Grech** xehed f`April 2004 kien Chairman tal-MTA u Chairman ta` Bord li jiehu hsieb il-finanzi ta` l-Awtorita`. Huwa kkummissjona analizi dettaljata tal-ispejjez li kien hemm fl-ufficcji tal-MTA barra minn Malta. L-investigazzjoni saret minn Michael Piscopo li hejja rapport. Minnu rrizulta li fl-ufficcju tal-Ingilterra kien hemm xi *overheads* zejda. Il-Bord talab analizi aktar dettaljata u nstab illi l-*landline charges* kienu gholjin hafna u anke il-

*mobile telephone charges* kienu gholjin. Kien hemm ukoll fattur eccezzjonali fejn *mobile phone* ma kienx registrat fuq impjegat tal-MTA izda kien registrat f`isem il-konvenuta. Ic-*charges* kienu sinjifikanti hafna. L-MTA talbet lil Paul Galea biex jinfurmaha jekk kienx ta xi kunsens lill-konvenut biex jaghti dan *mobile phone* lill-mara tal-konvenut. U Galea kkonferma li ma kienx ta l-kunsens tieghu. Il-kontijiet kienu jithallsu mill-ufficcji individwali direttament. U t-total sborsat kien jintbaghat Malta. Fuq domanda tal-Qorti, ix-xhud iccara li l-konvenut ma kienx intitolat jaqbad dan it-*telephone* li ma kienx registrat f`ismu, jaghmel telefonati minnu, u mbaghad jippretendi li thallas l-Awtorita`. Marru Londra zewg ufficjali ta` l-MTA izda kien hemm problema ghax il-konvenut ma kienx dahal ghax-xoghol. Wara xi zmien, Chris Grech sostna li l-konvenut qal dwar il-mobile phone in kwistjoni illi huwa kien ghamel bhalma kien ghamel il-predecessur tieghu. Fil-fatt qal illi impjegata tal-MTA li kienet tahtu kienet qaltlu li l-mara tieghu kienet intitolata ghal *mobile telephone.* Il-kaz spicca quddiem tribunal industrijali fl-Ingilterra wara li sar ftehim ta` transazzjoni.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud spjega illi huwa ta l-kunsens tieghu biex jigi konkluz il-ftehim ta` transazzjoni wara li kien kellem lill-membri tal-bord u lill-Ministru tat-Turizmu. Sostna illi l-ftehim kien intiz biex jaghlaq il-kawza quddiem it-tribunal industrijali. Ghalhekk l-MTA zammet id-dritt li titlob lura l-hlasijiet tal-mobile phone in kwistjoni. Meta kien fil-*posting* Londra, il-konvenut kien awtorizzat jixtri jew jikri telephones minn kumpanniji Inglizi biex jintuzaw fl-Ingilterra pero` mhux biex jintuza Malta. Ix-xhud ma gharafx jirrispondi jekk il-konvenut kienx sena wara sena jinforma lill-MTA bil-linja li kienet qeghda tuza l-mara tieghu. Lanqas ma seta` jghid jekk il-konvenut kienx gharraf lill-MTA b`li kienet qalet is-segretarja tal-predecessur tieghu. Ikkonferma illi kien il-bord illi f`Settembru 2004 iddecieda illi jibghat zewg ufficjali l-Ingilterra in konnessjoni mal-kwistjoni tal-konvenut. Id-decizjoni li l-konvenut jissejjah lura Malta kienet ittiehdet qabel marru z-zewg ufficjali Londra. Qal ukoll li anke Mary Ann Barthet Brown issejhet lura Malta. Il-

predecessur tal-konvenut u cioe` Jeffrey Cutajar innega li huwa qatt kellu telephone ghal uzu ta` martu. Ma setax ighid jekk kenitx saret investigazzjoni dwar Jeffrey Cutajar. Il-posizzjoni li l-konvenut kellu Londra kienet bbazat fuq fiducja (*trust*) u l-bord kien tal-fehma li dak il-kriterju kien karenti, kwindi ddecieda li l-konvenut ma kellux jibqa` Londra.

Il-**konvenut** xehed illi huwa kien ighix Londra ma` martu l-konvenuta bejn l-1983 u 1988fis-sena 1983. Rega` lura Malta fl-1988 u baqa` jghix Malta sal-1995 meta beda jahdem man-*National Tourism Organisation* ta` Malta u kien stazzjonat l-Olanda. Il-familja tieghu marret mieghu l-Olanda. Kienu jigu Malta biss ghall-vaganzi. Fl-1998, mietet bintu l-kbira u t-tfal l-ohra kienu rilokati Malta. Mill-Olanda mar r-Renju Unit fejn kien stazzjonat u f`Awissu tal-1999 inhatar *Regional Director - Northern Europe.* Ix-xoghol kien impenjattiv hafna u kien jigi Malta biss ghal *weekend* kull tlett gimghat. F`Jannar tal-2005, intemm l-impieg tieghu mal-MTA u baqa` jghix l-Ingilterra. Fl-Ingilterra kellu *freedom of movement* gewwa l-Ingilterra.

Jixhed illi meta kien l-Ingilterra, it-tfal li kienu marru lura Malta, riedu jibqghu Malta. Martu kienet tivvjagga ta` spiss lejn Malta. Fl-Ingilterra, hu u martu kienu attivi fil-kommunita` parrokkjali ta` Putney, kienu registrati mal-NHS u kienu jhallsu l-*council tax.* Mill-Ingilterra, il-konvenut ma riedx jaccetta *posting* band`ohra. Kellu problemi mal-MTA tant li l-kaz spicca quddiem it-Tribunal Industrijali fl-Ingilterra. Meta l-impieg tieghu mal-MTA kien terminat fl-2005, huwa baqa` jghix l-Ingilterra. Kellu pero` jbiegh l-appartament tieghu billi ma setax ikompli jhallas il-*mortgage.* Billi l-MTA ma kenitx thallas l-NI tieghu fl-Ingilterra, ma kienx intitolat ghal beneficcji socjali fl-Ingilterra. Meta kien l-Ingilterra mal-MTA, din baqghet thallas ghall-edukazzjoni ta` uliedu gewwa Malta.

Kompla jispjega illi qabel kien terminat l-impieg tieghu, precizament f`Marzu 2004, huwa garrab kritika

ghal xoghol li kien ghamel dwar rigward *advertising proposal for nationwide advertising.* Fil-fatt saret laqgha li ghaliha kien prezenti izda fejn thalla jghid tieghu wara li membru tal-Bord talab li hu jitkellem. In segwitu wasal ghandu ghajdud li xi hadd kien allega li huwa kien ha fondi tal-*Association of National Tourist Offices in the UK* . Cahad li ghamel dan.

Fisser illi f`Lulju 2004, meta kien Malta ghal btala mal-familja, intalab jattendi laqgha fl-MTA. Wara din il-laqgha, huwa rcieva ittra fejn kien allegat illi ma kienx qal il-verita lill-Bord ta` l-MTA. F`Settembru 2004, ircieva fax minghand Jeffrey Cutajar fejn kien mgharraf li kellhom jigu diskussi tlett kwistjonijiet : i) li kien inhareg mobile phone ghal martu ; ii) li kienu nhargu mobile phones lil certi membri ta` l-istaff u iii) dettalji dwar IT project li kien qed jiehu hsieb. Huwa wiegeb ghal dawn il-punti fiz-zmien li nghata. Fil-15 ta` Settembru 2004, Jeffrey Cutajar u Leslie Vella mill-MTA marru l-ufficcju tieghu f`Londra biex jinvestigaw it-tliet kwistjonijiet li ssemmew fil-fax. Dwar il-mobile phone, qal li kienet Marianne Barthet Brown mill-MTA Londra li infurmatu li Jeffrey Cutajar li kien jokkupa l-istess kariga qabel il-konvenut kellu mobile phone ghal martu.

Kompla jispjega illi fl-24 ta` Settembru 2004, Jeffrey Cutajar mar l-ufficcju tieghu. Billi l-konvenut kien id-dar indispost, dak kellmu bit-telefon u qara ittra li permezz taghha kien qed jinfurmah illi l-konvenut ma kienx sejjer jibqa` fl-inkariku li kellu u li kellu jirrapporta lil Michael Piscopo li kien inhatar minfloku. Ftit hin wara, ntbaghat *courier* ghandu b`ittra ta` Jeffrey Cutajar fejn kien ordnat jirritorna l-*laptop* u xi affarijiet ohra. Fit-12 ta` Novembru 2004, huwa ircieva ittra li biex imur lura Malta. L-MTA naqqset il-paga tieghu li mbaghad waqfet ghal kollox. Ma baqghetx thallas l-assikurazzjoni tas-sahha. U lanqas ma baqghet thallas il-kontijiet tat-*telephone.*

Fisser illi l-proceduri li istitwixxa fl-Ingilterra kontra l-MTA intemmu bi transazzjoni.

Fil-**kontroezami**, il-konvenut xehed illi fil-kuntratt tax-xoghol tieghu, kellu diversi beneficcji fosthom il-hlas ta` edukazzjoni ta` uliedu, il-hlas ta` spejjez ta` telefonati u l-ispejjez ta` titjira ghal kull membru tal-familja. Ikkonferma li kien ta mobile phone lil martu wara li kien gie infurmat minn Mary Ann Barthet Brown li l-predecessur tieghu kellu mobile phone ghal martu. Mary Ann Barthet Brown kienet *senior manager* u kienet tiehu hsieb l-amministrazzjoni, konferenzi u *incentive travel.* Mary Ann Barthet Brown kienet infurmatu b`dak il-fatt mhux taghti ordni jew direzzjoni. Min-naha tieghu, huwa ma talab ebda parir jew struzzjonijiet minn ufficjali ohra b`kariga oghla minn tieghu. Il-kuntratt tieghu kien ikopri kull telefonija. Il-predecessur tieghu kien jircievi l-kontijiet ta` fl-indirizz privat tieghu.

John Montague spjega li huwa dejjem wera l-kontijiet ta` dan it-telefon u qatt ma gie nfurmat li ma kellux fakolta` li jaghti telefon lil martu. Huwa kkonferma li nterpreta l-kuntratt tieghu ma` l-Awtorita` bhala li jinkludi kull telefonija. Huwa sostna li dan il-kuntratt kien ikopri anke telefon tad-dar tieghu u dan minghajr l-ebda tip ta` limitazzjoni. Montague sostna li huwa kien ukoll iccekja l-kont li jircievi l-predecessur tieghu u ra li dan kien jaqbel ma` dak li qaltlu Barthet Brown. Montague sostna li meta l-predecessur tieghu waqaf mill-kariga tieghu, huwa kien nwaqqaf dan it-telefon peress li kien ghal martu. Kompla jghid li l-predecessur tieghu kien ukoll waqqaf it-telefon li kellu fid-dar privata tieghu.

Il-**konvenuta** xehdet illi hija kienet tghix Londra ma` zewgha bejn l-1983 u l-1988. Kienet tghix ma` zewgha l-Olanda ghal xi snin sakemm mietet it-tifla l-kbira taghhom. Meta zewgha ha l-*posting* l-Ingilterra fl-1999, hija kienet tghix mieghu u zzur lit-tfal li kienu Malta b`mod regolari. Meta zewgha kien Londra, kienet tigi Malta kull xahar u

ddum kemm ikun hemm bzonn skond il-htigijiet tat-tfal. Meta bintha kienet qed taghmel l-ezamijiet tal-Matsec, damet zmien itwal f`Malta. L-MTA hallset l-ispejjez tal-edukazzjoni tat-tfal go Malta. Kien zewgha li qalilha li kienet intitolata ghal *mobile* phone billi l-predecessur tieghu, Jeffrey Cutajar ukoll kellu *mobile* ghall-uzu ta` martu. Din l-informazzjoni taghtha lil zewgha Maryann Barthet Brown li kienet il-PA ta` Jeffrey Cutajar. Hija qatt ma rceviet kontijiet ghaliex minkejja li l-mobile kien f`isimha l-kontijiet kienu jmorru l-ufficcju Londra. Anke l-kontijiet tat-telephone tad-dar kienu jmorru l-ufficcju u jithallsu mill-ufficcju. Hija kienet tuza t-telephone b`mod kontinwu bejn l-1999 u l-2004. F`Lulju 2004, l-MTA avzat lil zewgha illi kienet qeghda tinvestiga ghala kien hemm telephone f`isimha u nsistiet li ma jibqax jintuza. Fl-24 ta` Settembru 2004, kienu nformati bit-telephone illi kien ser imur courier biex jigbor l-mobile phone, il-laptop, il-credit card maqsuma min-nofs u c-cwievet. Zewgha ha l-kaz quddiem tribunal industrijali fl-Ingilterra. In segwitu saret transazzjoni. Fil-ftehim inghad illi l-MTA ma kellha assolutament xejn izjed x`taqsam ma` zewgha. Hi qatt ma kellha x`taqsam mal-MTA hlief illi zewgha kien impjegat tal-Awtorita`.

Fil-**<u>kontroezami,</u>** il-konvenuta xehdet illi zewgha baqa` mpjegat tal-MTA sa Jannar 2005. Kienet Maryanne Barthet Brown li ghamlet l-arrangamenti biex ikollha mobile phone f`isimha. Il-linja tat-telefon kienet Ingliza. Kienet taghmel uzu ta` dak il-mobile mhux biss go l-Ingilterra izda anke barra l-Ingilterra nkluz Malta. Kienet taf li l-kont kien qed jithallas mill-MTA. Go Malta kellha landline li ma kenitx tithallas mill-MTA. Kienet tuza l-mobile phone in kwistjoni mhux biss biex tircievi calls izda anke biex iccempel minnu anke meta tkun Malta.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>

Din l-eccezzjoni kienet irtirata fl-udjenza tal-1 ta` Marzu 2006 (ara fol 29) u kwindi din il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>It-tieni eccezzjoni</u>**

Din l-eccezzjoni sejra titqies **<u>biss</u>** fil-kuntest tal-istanza li l-MTA zammet ferma kontra l-konvenuta wara li kienet ceduta l-kawza **<u>limitament</u>** fil-konfront tal-konvenut.

B`din l-eccezzjoni, kien eccepit in-nuqqas ta` gurisdizzjoni tal-qorti.

Kien jispetta lill-konvenuta li taghmel il-prova.

Mill-assjem jirrizulta li l-**<u>enfasi</u>** da parti tal-konvenuta kienet li tistabilixxi fejn kien ighix zewgha. Ma saritx prova konklussiva illi l-konvenuta kienet qeghda tghix ma` zewgha fl-Isvizzera fejn hu sostna li kien mar jahdem. Jidher illi wara li ma baqax jahdem mal-MTA, il-konvenut baqa` ghal xi zmien ighix l-Ingilterra, in segwitu gie Malta fejn baqghu jirrisjedu wliedu anke meta kien fl-impieg tal-MTA fl-Ingilterra, u wara sab xoghol fl-Isvizzera. Din il-Qorti ma ssibx prova konklussiva li l-konvenuta kienet qeghda tghix regolarment fl-Isvizzera. Anzi kollox juri illi l-konvenuta baqghet Malta. Kienet hi li tattendi regolarment ghall-udjenzi tal-kawza, waqt illi jidher illi zewgha kien Malta ghall-kawza meta xehed in kontroezami. Ghalkemm jista` jkun illi fil-prezentata ta` l-kawza, il-konvenuta ma kenitx tghix Malta, mhux hekk il-kaz waqt l-*iter* tal-kawza. Lanqas ma kien indikat mill-konvenuta abbazi ta` liema disposizzjoni tal-ligi kienet

qeghda tallega li l-qorti ma kellhiex gurisdizzjoni. Din il-qorti hija tal-fehma li ghall-kaz tal-lum jista` jkun applikat il-*jus superveniens.*

Fis-sentenza taghha tad-9 ta` Mejju 2007 fil-kawza '**<u>Galea vs Zammit Haber</u>**', il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (**<u>AE</u>**) [konfermata mill-Qorti tal-Appell b`sentenza tal-14 tra` Mejju 2010] qalet hekk dwar il-*jus superveniens* –

*" … kuncett li gie applikat mill-Qrati taghna anke meta difett inizjali gie sanat bis-sopravenienza tad-dritt per ezempju wara l-eccezzjonijiet, sahansitra wkoll meta l-kawza kienet fi stadju ta` appell.*

*Hekk per ezempju fil-kawzi **Carmela Catro` vs Arturo Grech et** deciza mill-Qorti ta` l-Appell fit-23 ta` Mejju 1947 (Vol. XXXIII.i.108.) :- "illi wara s-sentenza ta` l-Ewwel Qorti l-appellanti pprezentat ic-cedola ta` l-irkupru u b`hekk irradikat id-dritt taghha pretiz fic-citazzjoni. In vista ta` dan, u bis-sahha tal-principju jus superveniens firmat actionem vel exceptionem, ma jistax jinghad izjed li l-appellanti ma ghandhiex interess ghall-ezercizzju ta` l-azzjoni prezenti, li ghandha bhala skop li twaqqa` permuta li tippretendi falza u simulata, biex thares id-dritt taghha ta` l-irkupru u tlesti triq ghall-kawza tar-rivendizzjoni. Ghalhekk biss, ghall-motiv tal-jus superveniens fuq imsemmi, hemm lok li ssentenza ta` l-Ewwel Qorti tigi revokata, u li l-kawza tigi mibghuta lill-istess Qorti ghat-trattazzjoni u definizzjoni filmeritu".*

*Bhal din is-sentenza hemm ohrajn:- **Salvino Abela vs Jimmy Spagnol** deciza mill-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) fil-21 ta` Jannar, 1986; **Antonio Falzon vs Salvatore Camilleri et** deciza mill-Qorti ta` l-Appell fit-8 ta` Frar, 1943 (Vol. XXXI.i.588); u **Maria Concetta Cardona vs Salvatore Bonnici et** deciza mill-Qorti ta` l-Appell fit-30 ta` Gunju 1947 (Vol. XXXIII.i.195)."*

In aggunta ma` dak diga` rilevat, din il-qorti tghid illi anke, bl-applikazzjoni ta` l-*jus superveniens,* ghandha gurisdizzjoni biex tisma` u tiddeciedi din il-kawza, ladarba mhuwiex kontestat illi fil-mori ta` din il-kawza, il-konvenuta kienet tghix Malta.

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>It-tielet u s-sitt eccezzjonijiet</u>**

Dawn l-eccezzjonijiet partikolari kienu tal-konvenut **<u>wahdu</u>**. Kwindi din il-qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom.

**Ikkunsidrat :**

**VI. <u>Il-hames eccezzjoni</u>**

Fin-nota tal-eccezzjonijiet, kienet eccepita l-preskrizzjoni minghajr indikazzjoni tad-disposizzjoni tal-ligi.

Kien biss fil-paragrafu 12 tan-nota ta` osservazzjonijiet taghha li l-konvenuta tirreferi ghall-**<u>Art 2053 tal-Kap 16</u>** li jaqra hekk –

*(1) L-iskrizzjoni tal-privileggi u tal-ipoteki fir-Registru Pubbliku ma tibqax issehh wara tletin sena mid-data taghha, kemm -il darba ma tigix imgedda qabel ma jaghlaq dak iz-zmien.*

*(2) L-iskrizzjoni tal-ipoteka legali favur il-mara jew favur persuna taht tutela jew kurazija, hija mehtiega mill-obbligu tat-tigdid sa sena wara li z-zwieg jinhall jew li l-amministrazzjoni tispicca.*

Huwa evidenti illi din id-disposizzjoni mhijiex applikabbli jew lanqas m`ghandha xejn x`taqsam mal-fattispeci tal-kaz tal-lum.

Il-Qorti hija prekluza milli tindika liema preskrizzjoni tista` tkun applikabbli anke ghaliex il-preskrizzjoni ma tistax tigi sollevata *ex officio* (ara : **Maltacom plc vs Salina Co Ltd – PA/NC -** deciza fit-30 ta` Novembru 2004 ; **Portelli vs Psaila – PA/JRM -** 29 ta` Mejju 2003 u **Bugeja vs Gauci – PA/JRM -** 28 ta` Novembru 2002)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti fil-kawza "**Naudi noe vs Unispeed Shipping and Forwarding Ltd" (PA/JRM)** deciza fis-26 ta` Gunju 2003, inghad hekk –

*Minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u "tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f`materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizjattiva"*

Ta` l-istess portata kienet is-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/JRM**) fil-kawza "**Farrugia vs Registratur tal-Qorti Civili**" deciza fil-15 ta` April 2002 fejn inghad hekk –

*Meta l-Qorti tigi biex tqis ilment dwar preskrizzjoni, trid izzomm mal-preskrizzjoni li l-parti ssemmi : jew dik il-preskrizzjoni tkun tapplika, jew ma tkunx. F`kaz li l-preskrizzjoni msemmija mill-parti ma tapplikax ghall-kaz, m`huwiex imholli ghall-Qorti li tghid hi liema zmien preskrittiv ghandu japplika ...*

Qeghda ghalhekk tichad il-hames eccezzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**VII. <u>Ir-raba` eccezzjoni</u>**

Mill-provi rrizulta li l-konvenut kien impjegat tal-MTA. Il-konvenuta ma kenitx impjegata mal-MTA u ma kellha l-ebda relazzjoni mal-MTA. L-unika relazzjoni li kellha kienet ma` l-konvenut zewgha. Il-konvenut kien direttur tal-ufficcju tal-MTA go Londra u assenja lill-konvenuta mobile telephone. It-telephone kien registrat f`isem il-konvenuta. Il-kontijiet kienu jmorru direttament l-ufficcju tal-MTA Londra u jithallsu direttament minn hemm. Il-konvenuta kienet taghmel uzu ta` dak il-mobile phone kemm fl-Ingilterra kif ukoll barra nkluz Malta. Din il-Qorti mhijiex sejra tidhol fil-kwistjoni jekk il-konvenut kienx awtorizzat jew kellux is-setgha jassenja mobile phone lill-konvenuta a spejjez tal-MTA jew jekk mobile phone hekk assenjat kienx jaqa` fil-pattijiet u kondizzjonijiet tal-kuntratt tax-xoghol illi l-konvenut kellu mal-MTA. Dan propju ghaliex mhuwiex aktar il-kompitu ta` din il-Qorti li taghti decizjoni dwar dawn il-kwesiti ladarba l-atti kontra l-konvenut kienu ceduti fil-mori tal-kawza. Li rrizulta ppruvat kjarament fil-kawza tal-lum huwa li l-konvenuta ma kellhiex rapport guridiku mal-MTA. Huwa evidenti illi l-konvenuta dahlet fil-kwistjoni bhala konsegwenza tad-decizjoni illi ha l-konvenut li jassenjalha *mobile telephone* a spejjez tal-MTA, decizjoni li kienet kontestata mill-MTA u li wasslet ghat-tmiem tal-impieg tal-konvenut mal-MTA. Huwa inekwivokament ippruvat ukoll il-fatt illi l-konvenuta bbenefikat mill-uzu ta` dak il-mobile phone, tant illi lanqas hallset minn taghha ghall-uzu tieghu.

Fl-ahhar paragrafu tan-nota ta` osservazzjonijiet taghha, l-MTA tghid illi l-konvenuta *bbenefikat ingustament a dannu tal-Awtorita` esponenti u ghaldaqstant hija responsabbli ghall-hlas ta` dawn il-kontijiet u ghandha tirrifondi l-istess lill-Awtorita` esponenti.* Fl-istadju tas-sottomissjonijiet tal-ahhar,

imbaghad id-difensur ta` l-MTA kien aktar kategoriku u sostna li l-azzjoni kontra l-konvenuta hija dik ta` l-arrikkiment indebitu.

Din hija l-fehma tal-Qorti –

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Gunju 2011 fil-kawza "**Farrell vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", il-Qorti tal-Appell irriaffermat il-principju tad-dritt li kien espost fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXXIX.I.243** u fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/PS**) fil-kawza **"Azzopardi vs Azzopardi**" illi : *il-Qorti ghandha toqghod biss fuq il-kawzali u t-talba dedotta, u xejn izjed"*

Fl-istess sentenza "**Azzopardi vs Azzopardi**", il-Qorti kompliet hekk –

*Huwa principju generali bil-wisq notorju illi n-natura u l-indoli ta' l-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini ta' l-att li bih jinbdew il-proceduri. Il-'kawza' ta' domanda hija r-raguni guridika taghha, ossija l-fundamentum agendi taghha (**Vol. XI p 401**). Din il-kawza, li hija l-origini tad-domanda, tiddistingwi ruhha mill-oggett tac-citazzjoni, li huwa "cio` che e` attualmente domandato" (**Vol. X p 926**).*

M`ghandux ikun hemm l-icken dubju f`mohh hadd illi l-MTA mexxiet bil-kawza tal-lum kontra z-**zewg** konvenuti abbazi tal-kuntratt tax-xoghol li kellha mal-konvenut. Dan huwa ben evidenti mill-kawzali tac-citazzjoni. U kwindi t-talbiet ma jistghux jigu distakkati mill-kawzali. Jekk fil-kors tal-kawza, l-MTA dehrilha, ghazla taghha, illi ccedi l-kawza kontra l-konvenut, ma tistax tibdel il-kawzali taghha kontra l-konvenuta, billi minn azzjoni *ex contractu* kif minn dejjem kienet tikkonvertiha f`*actio de in rem verso*. Certament dan ma tistax taghmlu fil-kawza tal-lum. L-MTA mexxiet kif mexxiet ghaliex kif huwa evidenti mit-tieni paragrafu tac-citazzjoni kienet qeghda titlob rifuzjoni ta` l-

ispejjez tal-mobile phone mhux biss mill-konvenut, li kien impjegat taghha, izda wkoll mill-konvenuta, li ma kenitx impjegata taghha, billi skond l-MTA il-konvenut agixxa *ultra vires.* Bil-mod kif ghazlet illi tagixxi **fil-kawza tal-lum** (kawzali + domanda) pretensjoni ta` arrikkiment indebitu kontra l-konvenuta hija legalment insostenibbli (ara l-elementi tal-*actio de in rem verso* kif abilment esposti mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha tal-10 ta` Ottubru 2005 fil-kawza `**Cachia vs Yellow Fun Limited**`, il-gurisprudenza hemm citata u ohrajn). Ic-citazzjoni hija kollha msejsa fuq il-kuntratt tax-xoghol li l-konvenut kellu mal-MTA. Hekk kienet preceduta l-kawza bl-ittra ufficjali Dok MTA2. Fic-cirkostanzi jkun ghal kollox inutili ghal din il-Qorti li taghmel analizi ta` jekk il-fatti ta` dan il-kaz jistghux jinkwadraw ruhha fl-elementi ta` *actio de in rem verso* ladarba huwa altru milli evidenti li l-MTA mexxiet kif mexxiet fuq il-kawzali ta` rapport *ex contractu.*

Din il-Qorti qeghda tilqa` r-raba` eccezzjoni.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici kontra l-konvenut John Montague, ghaliex l-atti tal-kawza fil-konfront tieghu kienu ceduti fil-mori tal-kawza ;**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel, tat-tielet u tas-sitt eccezzjonijiet ;**

**Tichad it-tieni u l-hames eccezzjonijiet ;**

**Tilqa` r-raba` eccezzjoni ;**

**Tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuta Christine Montague.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta tordna illi kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------